MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2015

Rikors Numru. 471/2014

**AB**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li permezz tieghu ippremettiet :

Illi l-kontendenti izzewgu fl-erbgha ta' Mejju, fis-sena elf, disa' mija u sebgha u disghin (4-5-1997) u liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta, hekk skont ic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok JF 1 u minn liema zwieg il-partijiet kellhom tifla wahda, X, illi twieldet fil-hamsa u ghoxrin ta' Mejju, elf disa' mija u tmienja u disghin (25-5-1998);

Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr Peter Fleri Soler hekk skont il-kuntratt hawn anness u mmarkat Dok JF 2;

Illi l-partijiet ilhom jghixu hajja separata mis-sebgha ta' Dicembru tas-sena elfejn u sitta (7-12-2006) u ghalhekk hija intitolata sabiex tapplika ghad-divorzju;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u ghal kull buon fini qieghed jigi hawn anness l-affidavit tal-kontendenti, immarkat bhala Dok JF 3;

Illi ma hemm l-ebda problema ghall-hlas ta' manteniment dovut lill-intimat peress illi r-rikorrenti m'ghandhiex obbligu illi thallas manteniment. Illi, inoltre, ma hemm l-ebda problema fil-hlas tal-manteniment min-naha tal-intimat stante illi l-intimat huwa dejjem puntwali fil-hlas;

Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju, skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet ghar-ragunijiet premessi sabiex l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex, previa kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex dan jigi irregistrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-intimat, li permezz tieghu eccepixxa :

L-esponenti ma jikkontestax il-fatti mressqa fir-rikors tar-rikorrenti martu u ghalhekk mhuwiex joggezzjona ghat-talbiet taghha li din il-Qorti tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u li taghti ordni ghar-registrazzjoni tal-istess hall taz-zwieg fir-Registru Pubbliku;

B’dan pero li l-esponenti m’ghandux jehel l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri li ghandhom jigu sopportati kollha mir-rikorrenti, inkluz l-ispejjez inkorsi mill-esponenti, stante li ma kienx hu li ta lok ghal dawn il-proceduri;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-4 ta’ Novembru, 2014;

Semghet lill-intimat jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-7 ta' Dicembru 2006 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------